MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 514/2004

**Lloyd's Malta Limited (C-24284) bhala rapprezentanti ex lege tas-sindakati ta' Lloyd's li jgibu n-numru 727,1245,807 u 510 u ghall-fini tal-Art.2 (2)(c) tal-Kap.403 l-ismijiet tal-membri tas-sindakati huma hawn riportati fuq l-anness document "A"; u Rausi Insurance Agency Limited (C-12398) bhala agenti gewwa Malta tal-istess membri; iz-zewg atturi qed jagixxu in konnessjoni ma polza t'assikurazzjoni numru 761643-011-001**

**vs**

**Gasan Enterprises Ltd. (C-467)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Marzu, 2004 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tnejn u**

**sebghin lira Maltija (Lm472.00) dovut bhala danni subiti fil-vettura numru IBF-813 propjeta` ta’ Cecilia Falzon, assikurata mal-atturi li huma surrogata fid-drittijiet taghha, meta dakinhar tal-incident is-“security barrier” tal-bini tal-konvenuti hadem hazin u ghamel hsara fil-vettura assikurata.**

**Ra r-risposta prezentata mis-socjeta` konvenuta fil-5 ta’ April, 2004, fejn intqal illi:**
**Is-socjeta’ konvenuta tichad kull responsabilta` ghall-incident in kwistjoni u ghal kwalunkwe danni li allegatament setghet sofriet Cecilia Falzon fuq il-vettura taghha u dan stante illi ebda negligenza ma tista’ tigi attribwita lis-socjeta’ konvenuta fil-manteniment u operazzjoni tas-“security barrier”, kawza ta’ l-allegat incident anzi l-istess socjeta’ konvenuta accertat ruhha li fiz-zmien in kwistjoni s-“security barrier” inzamm fi stat ta’ manteniment xieraq u adegwat.**

**Semgha x-xhieda ta’ Henry Grech, Mario Cumbo, PS 513 Anthony Gerada, Cecilia Falzon, Reginald Tellus, Anthony Tellus. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda danni subiti fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBF 813 propjeta’ ta’ Cecilia Falzon assigurata mas-socjeta’ attrici, liema gew allegatament ikkagunati meta telgha security barrier li jinsab fil-pjazzetta Tower Road ta’ Sliema.**
**2. Is-socjeta’ konvenuta qed tghid li ma kien hemm l-ebda negligenza fil-manutenzjoni u operazzjoni tas-security barrier imsemmi.**
**3. Il-hsara fil-vettura grat fuq quddiem in-naha ta’ taht ta’ l-istess vettura u dana skond ma xehed Mario Cumbo, motor surveyor ma’ Rausi Insurance, u kif jirrizulta mis-survey report Dok MC esebit.**
**4. Gie spjegat illi biex wiehed jaccedi ghal pjazzetta jrid ikollu remote control li bih tinzel is-security ramp.**

**Hekk kif wiehed jghaddi u jkun dahal, jekk kollox jiffunzjona sew din is-security ramp terga' titla'.**

**5. Instema' x-xhud Anthony Tonna li hu bniedem tekniku ma' Pincott Security, u li bhala socjeta' huma responsabbli tal-manutenzjoni tas-security ramp imsemmija. Dan qal li jkun hemm diversi lmenti u huma jmorru u hafna drabi jkun ghal ta' xejn, pero' ex admissis jirrizulta illi l-ilmenti jkunu dwar il-fatt illi r-rampa tkun laqtet ma' karozza.**

**6. Ghandu jigi rilevat illi s-security ramp ghandha sensors biex is-security ramp ma toghliex qabel ma tkun dahlet il-karozza li tkun attivata. F'dan is-sens xehed Reginald Tellus Manager ma' Gasan Enterprises Limited. L-istess Tellus qal li dwar l-att tekniku ta' kif tahdem ir-rampa seta' jirrispondi Anthony Tonna. Fil-fatt Tonna fix-xhieda tieghu jghid li kellhom ilmenti minghand is-socjeta' konvenuta li karozzi jinqabdu fir-rampa, ghalkemm ma setghax ighid jekk dan kienx minnu.**

**7. Jirrizulta bic-car illi Cecilia Falzon illi f'dan il-kaz kienet attivat ir-rampa meta bdiet diehla, r-rampa f'salt regghet telghet u kkawzatilha l-hsara.**

**8. Mill-kumpless tax-xhieda ghalhekk jirrizulta sodisfacentement pruvat illi d-danni illi gew ikkagunati fil-vettura IBF 813 assigurata mas-socjeta' attrici graw proprju minhabba illi r-rampa ma hix qed tiffunzjona kif suppost. Illi kieku tassew is-sensors imsemmija kienu qed jiffunzjonaw kif intqal, din ir-rampa ma kienetx titla' qabel ma Falzon ma tkun dahlet fil-pjazzetta. Il-fatt illi r-rampa qed titla' u l-fatt ukoll illi dan il-kaz ma huwiex xi kaz izolat jindika bic-car illi hemm problemi dwar ir-rampa u konsegwentement is-socjeta' konvenuta ghandha thallas ghad-danni kkagunati fil-vettura ta' l-assigurata, salv hu impregudikat kull dritt ta' l-istess socjeta' konvenuta kontra terzi.**

**9. Id-danni fil-vettura jirrizultaw pruvati skond is-survey Dok MC.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, isib lis-socjeta' konvenuta repsonsabbli ghad-danni li sofrew l- atturi u**

**konsegwentement jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjetajiet atturi s-somma ta' erba' mija u tnejn u sebghin lira. (Lm472.00). Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------